



KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 4 ta' Diċembru 2012 (05.12)  
(OR. en)

16800/12

FIN 932

### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

minn:	Is-Sur Vítor CALDEIRA, President tal-Qorti tal-Awdituri
data meta waslet:	29 ta' Ottubru 2012
lil:	Is-Sinjura Erato KOZAKOU-MARCOULLIS, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità

Sinjura,

Qiegħed nehmeż kopja tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità u ser jiġi ppubblikat dalwaqt f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(Formula ta' għeluq).

(firma) Vítor CALDEIRA

---

Mehmuż: Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità.

ЕВРОПЕЙСКА СМЕТНА ПАЛАТА  
TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO  
EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR  
DEN EUROPÆISKÉ REVISIONSRET  
EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF  
EUROOPA KONTROLLIKODA  
ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ  
Il-Qorti Ewropea tal-Audituri.  
COUR DES COMPTES EUROPÉENNE  
CÚIRT INIÚCHÓIRÍ NA HEORPA



CORTE DEI CONTI EUROPEA  
EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA  
EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK  
IL-QORTI EWROPEA TAL-AUDITURI  
EUROPESE REKENKAMER  
EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY  
TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU  
CURTEA DE CONTURI EUROPEANĂ  
EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV  
EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠĆE  
EUROOPAN TILINTARKASTUST UOMIOIST UIN  
EUROPEISKA REVISIONSRÄTEN

Rapport dwar il-kontijiet annwali  
tal-Awtorità Bankarja Ewropea  
għas-sena finanzjarja 2011

flimkien mar-risposti tal-Awtoritā

## **INTRODUZZJONI**

1. L-Awtorità Bankarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità"), li tinsab f'Londra, kienet imwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Il-kompli tal-Awtorità huwa li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kwalità għolja, li tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, li tistimula u tiffaċilita d-delega tal-kompli u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti, li timmonitorja u tivvaluta żviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha u li ssaħħa il-protezzjoni tad-depożitur u tal-investituru<sup>2</sup>. L-Awtorità twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2011.

## **INFORMAZZJONI LI TAPPOĠġA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Awtorità. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awditi oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

### **ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI**

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali<sup>3</sup> tal-Awtorità, li jikkonsistu fir-“rapporti finanzjarji”<sup>4</sup> u fir-“rapporti dwar l-implementazzjoni tal-

<sup>1</sup> ġu L 331, 15.12.2010, p. 12.

<sup>2</sup> L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitàjet tal-Awtorità. Huwa jiġi ppreżzentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>3</sup> Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implementazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

<sup>4</sup> Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spiegazzjoni.

baġit”<sup>5</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

#### Ir-responsabbiltà tal-Manġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplimenta d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Awtorità, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-approprazzjonijiet awtorizzati<sup>6</sup>. Id-Direttur huwa responsabbi milli jistabbilixxi<sup>7</sup> l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta’ ġestjoni u ta’ kontroll interni relevanti għat-tħejja ta’ kontijiet finali<sup>8</sup> li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

#### Ir-responsabbiltà tal-Awdit

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tiprovd i l-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<sup>9</sup>, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Awtorità u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-I-Standards Internazzjonali tal-Auditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-I-Standards

<sup>5</sup> Ir-rapporti tal-implementazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

<sup>6</sup> L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

<sup>7</sup> L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

<sup>8</sup> Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolji 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità.

<sup>9</sup> L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Internazzjonalni tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn I-standards jeiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Awtorità jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni relevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implementati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovd bażi għall-opinjonijiet imniżżlin hawn taħt.

### ***Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet***

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Awtorità<sup>10</sup> jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha

---

<sup>10</sup> Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fit-28 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, huma ppubblikati f'l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew <http://www.eba.europa.eu>.

għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni<sup>11</sup>.

***Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet***

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kolha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixxtu dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti. Huma għandhom jitqiesu fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-Awtorità mill-Kunitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej, il-predeċessur.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA**

12. L-impenji tal-Awtorità ammontaw għal EUR 9 054 030 jew 71 % tal-baġit għall-2011. Ir-rati ta' impenn kieni baxxi speċjalment għat-Titolu II "Nefqa amministrattiva" (57 %) u t-Titolu III "Nefqa operazzjonali" (46 %). Dan kellu impatt fuq l-objettivi tal-Awtorità fir-rigward tal-IT li ma ntlaħqu kompletament. Ir-rati baxxi ta' eżekuzzjoni tal-baġit jindikaw diffikultajiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit.

13. Il-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2011 kien ta' EUR 12,7 miljun. Skont ir-Regolament li hija msejsa fuqu<sup>12</sup>, 60 % tal-baġit għall-2011 kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi tal-EFTA u 40 % mill-baġit tal-Unjoni. Fi tmiem l-2011 l-Awtorità rreġistrat riżultat pożittiv fil-baġit ta'

<sup>11</sup> Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

<sup>12</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, l-Artikolu 62(1).

EUR 3,6 miljun. F'konformità mal-Artikoli 15(4) u 16(1) tar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-ammont sħiħ imbagħad ġie rreġistrat fil-kontijiet bħala passiv lejn il-Kummissjoni Ewropea.

14. Ġew innutati dgħu fijiet fir-rigward ta' tliet impenji legali magħmula qabel l-impenji tal-baġit (EUR 742 000).

### **KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAL-AWTORITÀ**

15. Is-sistema ta' kontabilità tal-Awtorità għad trid tiġi validata mill-Ufficijal tal-Kontabilità, kif mitlub mir-Regolament Finanzjarju.

### **KUMMENTI OĦRA**

16. Mhux il-proċeduri ta' akkwist verifikati kollha kienu konsistenti għalkollox mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġenerali. Kuntratti li jiswew EUR 299 182 kienu ġew varati skont regoli nazzjonali, u dan wassal għal pagamenti ta' EUR 248 775 fl-2011. L-Awtorità għandha tiżgura li l-kuntratti ġodda kollha jingħataw f'konformità sħiħa mar-regoli ta' akkwist tal-UE.

17. L-Awtorità teħtieġ ittejjeb it-trasparenza tal-proċeduri ta' rekluta ggħġi: qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet, ma ġewx stabbiliti t-tweżżeen għall-kriterji ta' għaż-żala u l-punteggju limiti biex wieħed ikun mistieden għal intervisti jew biex ikun inkluż fil-lista ta' kandidati xierqa. Fi proċedura ta' għaż-żala waħda, l-allokazzjoni tal-grad ma kinitx skont l-avviż ta' postijiet vakanti.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Audituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħha tagħha tal-11 ta' Settembru 2012.

*Għall-Qorti tal-Audituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*

***Awtorità Bankarja Ewropea (Londra)******II-kompetenzi u I-attivitajiet***

<b>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</b> <i>(L-Artikoli 26 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</i>	<p>L-Artikolu 26:</p> <p>"1. L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tassigura l-funzjonament tas-suq intern, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.</p> <p>2. Is-suq intern għandu jikkomprendi arja bla fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizi u kapital huwa żgurat skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati.</p> <p>3. Il-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni għandu jistabbilixxi l-linji-gw idha u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jiżguraw progress bilanċċat fis-setturi kollha interessati."</p> <p>L-Artikolu 114:</p> <p>"1. Ħlief fejn provdut xor'tohra fit-Trattati, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kisba tal-ghaniżżejjet imsemmja fl-Artikolu 26. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinaria u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jewi b'azzjoni amministrativa fi Stati Membri li għandhom bħala l-ġhan tagħhom i-stabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern."</p>
<b>II-kompetenzi tal-Awtorità</b> <i>(Ir-Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill (UE) Nru 1093/2010)</i>	<p><b>L-objettivi:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) jittejjeb l-operat tas-suq intern, inkluż b'mod partikolari billi jkun żgurat livell għoli, effikaċi u konsistenti ta' regolamentazzjoni u superviżjoni;</li> <li>(b) jiġu żgurat li l-integrità, it-trasparenza, l-effikaċja u l-operat ordnat tas-swieq finanzjarji;</li> <li>(c) tissaħħħa il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali;</li> <li>(d) jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju u tingħata promozzjoni għal kondizzjonijiet ugwal tal-kompetizzjoni;</li> <li>(e) jiġi żgurat li t-teħid ta' riskji ta' kreditu u riskji oħra jekk ikunu regolati u sorveljati kif xieraq, u</li> <li>(f) tissaħħħa il-protezzjoni tal-konsumatur.</li> </ul> <p><b>II-kompli:</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(a) tikkontribw ixxi għall-istabbiliment ta' standards u prattiki regolatorji u superviżorji komuni ta' kw alitā għolja;</li> <li>(b) tikkontribw ixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti;</li> <li>(c) tistimula u tiffaċċila d-delega tal-kompli u r-responsabbiltajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;</li> <li>(d) tikkoopera mill-qrib mal-BERS<sup>1</sup>;</li> <li>(e) torganizza u twettaq analiżżejjiet tar-reviżjoni bejn il-pari tal-awtoritajiet kompetenti;</li> <li>(f) timmonitorja u tivvaluta żviluppi tas-suq fil-qasam tal-kompetenza tagħha;</li> <li>(g) tagħmel analiżżejjiet ekonomiċi tas-swieq biex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha sew;</li> <li>(h) issaħħħa il-protezzjoni tad-depożiut u tal-investitur;</li> <li>(i) tikkontribw ixxi għall-funzjonament konsistenti u koerenti tal-kolleġgi tas-superviżuri, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-kejji tar-riskju sistemiku, l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni, l-ghoġi ta' protezzjoni ta' livell għoli lid-depożiut u l-investituri madwar l-Unjoni u l-iżvilupp ta' metodi għar-riżoluzzjoni tal-problemi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li qiegħdin ifallu u valutazzjoni tal-ħtieġa għal strumenti ta' finanzjament adegwati;</li> <li>(j) twettaq kwalunkwe kompli speċifiku ieħor stipulat f'dan ir-Regolament jew f'atti leġiżlattivi oħra;</li> <li>(k) tippubblika fil-websajt tagħha, u taġġorma b'mod regolari, l-informazzjoni relatata mal-qasam tal-attivitajiet tagħha;</li> <li>(l) tieħu r-responsabbiltà, kif adatt, tal-kompli kollha eżistenti u li għaddejji bħalissa mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE).</li> </ul>
<b>It-tmexxija</b>	<p><b>II-Bord tas-Superviżuri</b> Magħi mul mill-President, rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru (kap tal-NSA<sup>2</sup>), il-Kummissjoni, il-BĊE<sup>3</sup>, il-BERS, l-AEAPX<sup>4</sup> u l-AETS<sup>5</sup>.</p> <p><b>II-Bord Maniġerjali</b> Magħi mul mill-President u sitt membri oħra tal-Bord tas-Superviżuri.</p> <p><b>II-President</b> Maħtur mill-Bord tas-Superviżuri.</p>

	<p><b>Id-Direttur Eżekuttiv</b> Maħtur mill-Bord tas-Superviżuri.</p> <p><b>II-Bord tal-Appell</b> Entità konġunta tat-tliet ASE.</p> <p><b>II-Verifika Es terna</b> II-Qorti Ewropea tal-Audituri.</p> <p><b>L-Awtorità ta' Kċittanza</b> II-Parlament Ew ropew.</p>
<b>Ir-riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2011</b>	<p><b>II-Baġit għall-2011</b> EUR 12,7 miljun Inklużi: Sussidju tal-Unjoni: EUR 5,1 miljun Kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri: EUR 7,4 miljun Kontribuzzjonijiet mill-osservaturi: EUR 0,2 miljun</p> <p><b>II-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</b> 40 membru tal-persunal temporanju 6 membri tal-persunal b'kuntratti 5 Esperti Nazzjonali Ssekondati</p>
<b>Il-prodotti u s-servizzi fl-2011</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>- Testijiet tal-istress fl-UE kollha ta' 90 bank madwar 21 pajjiż bir-riżultati ppubblikati f'Lulju.</li> <li>- Rakkomandazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek, ippubblikata f'Diċembru.</li> <li>- Attendiet għal 54 laqgħa tal-Kulleġġ tas-Superviżuri.</li> <li>- Pariri tekniċi u informali l-IL-KE dwar il-proposta tagħha għal ġabru unika tar-regoli fir-rigward tad-DRK<sup>6</sup>/CRR<sup>7</sup> u propostti leġiżlattivi oħra.</li> <li>- Linji gw ida dwar it-Tmexxija Interna bil-għan li jittejbu u jiġu konsolidati l-aspettativi superviżorji.</li> <li>- Linji gw ida dwar il-ġbir tad-data fuq prattiki ta' remunerazzjoni.</li> <li>- Studju ta' implementazzjoni fuq il-Linji gw ida tal-BERS fuq politiki u prattiki ta' remunerazzjoni li ġew ippubblikati f'Diċembru 2010.</li> <li>- Opinjoni li tiprovd kummenti tekniċi dwar karatteristiċi varji fil-konsultazzjoni dwar qafas possibbli tal-UE għall-irkupru u r-riżoluzzjoni bankarji.</li> <li>- Kummenti għal-għadd ta' proposti tal-IASB<sup>8</sup> dwar abbozzi tal-IFRS<sup>9</sup> dwar l-standards tal-kontabilità.</li> <li>- Kummenti għall-proposti tal-IAASB<sup>10</sup> dwar abbozzi tal-standards Internazzjonali tal-Auditjar.</li> <li>- Stabbilit Kunitat Permanenti għall-Innovazzjoni Finanzjarja biex l-Awtorità tigħi meħejna tw-etqaq il-kompli u r-responsabbiltajiet tagħha marbuta mal-ħarsien tal-konsumatur.</li> <li>- Seba' road shows u dīsa' sessjonijiet ta' taħrif organizzati għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.</li> <li>- Organizzat aktar minn 180 laqgħa ma' parteċipanti esterni.</li> </ul>

Sors: Informazzjoni mogħiġi mill-Awtorità.

<sup>1</sup> Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

<sup>2</sup> Awtorità ta' Sov el-Janza Nazzjonali

<sup>3</sup> Bank Ċentrali Ewropew

<sup>4</sup> Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u I-Pensionijet tax-Xogħol

<sup>5</sup> Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

<sup>6</sup> Direttiva dwar ir-Rekiwiżi ta' Kapital

<sup>7</sup> Regolament dwar ir-Rekiwiżi ta' Kapital

<sup>8</sup> Bord dwar l-standards Internazzjonali tal-Kontabilità

<sup>9</sup> Standard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju

<sup>10</sup> Bord tal-standards Internazzjonali tal-Auditjar u l-Asċċertament

## **IT-TWEĠIBA TAL-AWTORITÀ**

12. L-2011 kienet l-ewwel sena ta' attivită għall-ABE, li r-Regolament Bażi tagħha kien ippubblikat biss fil-15 ta' Diċembru 2010. Minħabba li l-pubblikazzjoni saret tard dan ma ppermettiex ir-reklutaġġ fil-ħin tal-personal meħtieġ, u għaldaqstant lanqas ma ppermetta l-implementazzjoni sħiħa tal-programm ta' ħidma tal-ABE. Għalkemm l-objetti interni tal-IT tal-ABE ma ntahqux kollha, dawk relatati mal-missjoni ewlenija tal-ABE, iŋkużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' bażi ta' dejta ċentrali, ġew implemantati.

13. L-ABE taqbel mal-kumment li r-Regolament Finanzjarju tal-ABE (li huwa b'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju Qafas applikabbli għall-Agenzji tal-UE) ma jirriflettix b'mod xieraq l-istruttura finanzjarja tal-ABE. It-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs) impenjaw ruħhom fazzjoni konġunta sabiex tinstab soluzzjoni sostenibbli mal-Kummissjoni Ewropea. It-tliet ESAs esprimew it-talba tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea għal soluzzjoni fit-tul fil-kuntest tar-reviżjoni tal-ESAs tal-2014 u għaldaqstant, ta' bidla potenzjali fir-regolamenti rispettivi tal-ESAs.

14. L-ABE tirrikonoxxi dawk id-dghajnejiet esperjenzati fil-qasam tal-IT fl-ewwel xhur tal-istabbiliment tal-Awtorità. Kwalunkwe nuqqas ta' konformità kien indirizzat minnufi h fit-tielet kwart tal-2011 wara t-tisħiħ tat-tim tal-IT.

15. Il-validazzjoni, li ttardjat minħabba l-volum kbir ta' xogħol fl-ewwel sena tal-attivită tal-ABE, ser titwettaq fl-2012.

16. L-ABE wirtet l-maġġoranza tal-arranġamenti ta' akkwist tagħha mill-predeċessur tagħha, CEBS Secretariat Ltd. Minħabba l-volum kbir ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi matul l-2011, ma kienx possibbli li tkun żgurata konformità sħiħa mar-regoli ta' akkwist tal-UE fl-ewwel sena tal-attivită tal-ABE. In-nuqqas ta' konformità sħiħa mar-regoli ta' akkwist fl-2011 kien rikonoxxut mill-amministrazzjoni, u ġew iffirmati noti ta' eċċezzjoni adatti, fejn kien meħtieġ. Tfassal pjan ta' akkwist li jistabbilixxi prioritajiet, u l-korrezzjoni tan-nuqqas ta' konformità huwa objettiv prinċipali għall-2012.

17. L-ABE taqbel mal-kummenti u ħadet il-miżuri korretti vi meħtieġa bl-implementazzjoni ta' reviżjonijiet tal-kriterji tal-għażla u l-punti ta' limiti għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati adatti. Dawn il-kriterji jiġu stabbiliti qabel il-valutazzjoni tal-applikazjoni jiet f'kull proċedura ta' għażla.